MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 225/2009

**Michael Fenech ID 835451M u**
**Carmen Fenech ID 209255M**

**vs**

**Martin Zerafa ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta'**
**DATANET SECURITY SYSTEMS CO. LTD – C 30521**

**It-Tribunal,**

**Ra** li f'din il-kawza t-TRIBUNAL kif presedut fl-udjenza tad-19 ta' Jannar 2012 kien ta sentenza preliminari li fiha ddecieda li l-azzjoni odjerna kienet preskritti fil-konfront tal-Enemalta li kienet issejjhet fil-kawza b'rikors prezentat fit-18 ta' Marzu 2011. Jonqos ghalhekk li issa jigi kunsidrat il-mertu fir-rigward tas-socjeta' konvenuta.

**Ra** t-TALBA mfissra hekk:-

Tghid ghaliex is-socjeta' konvenuta dan it-Tribunal m'ghandux isibha hatja u jikkundanha thallas lill-atturi l-ammont ta' elf, tlieta u tmenin Ewro (€1,083.00c), rapprezentanti r-rimbors tal-prezz li thallas mill-atturi biex xtraw minghand is-socjeta' konvenuta sistema ta' Closed Circuit Television Camera (CCTV) fit-3 ta' Marzu

2008, liema sistema ftit xhur wara li giet installata garrbet hsarat li taghhom hija unikament responsabbli s-socjeta' konvenuta.

Illi minkejja illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi (kopja ta' l-ittra legali annessa u mmarkata DOK MF1) sabiex tirrepara u tinstalla s-sistema ta' CCTV minghajr ma l-atturi jinkorru ebda spejjez, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti u dan nonostante illi l-istess sistema kienet koperta bil-garanzija kummercjali annessa u mmarkata DOK MF2) u l-istess sistema ghadha koperta bil-garanzija legali.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni u b'rizerva ghal kwalunkwe Danni li jistghu jinkorru l-atturi u b'rizerva wkoll ghall-imghaxijiet legali mill-14 ta' Dicembru 2008.

**Ra** r-RISPOSTA li:

L-konvenut qed jikkontesta t-talba ghax il-hsarat li garrbet is-sistema ma humhiex koperti bil-garanzija u ghalhekk m'hemmx obbligu ta' rifuzjoni kif mitlub;

Fis-sistema li giet installata sofrew hsarat il-*camera* u l-*hard disc* u dawn jistghu jissewwew bil-prezz ta' €354;

L-atturi qed jirrifjutaw li jhallsu dan l-ammont u fadlilhom ihallsu lill-konvenut €149.94 bhala bilanc tal-prezz.

**Ra** l-KONTROTALBA li fis-sustanza qed tghid, bhala premessa, dak eccepit u mbaghad titlob m'ghand l-attur il-bilanc ta €149.94c.

**Ra** r-RISPOSTA ghall-KONTROTALBA li tghid li t-talbiet tar-rikonvenzjonant huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhux minnu li l-garanzija ma tkoprix il-hsarat u mhemm ebda ammont dovut lir-rikonvenzjonant.

**PROVI**

A1 L**-attur** qal li martu kienet xtrat banka tal-lottu (176, Vjal 21 ta' Settembru, Naxxar) u hemm installat *camera* CCTV, mixtrija (Doka MF1 *a fol* 14) minghand is-socjeta' konvenuta xi 9 xhur qabel inqala l-incident imsemmi. Qed jitolbu rifuzjoni tal-prezz minnhom imhallas peress li l-*camera* sofriet hsarat. Billi *cameras* xtraw tnejn u l-hsara kienet tirrigwarda wahda, qed jitolbu lura l-prezz ta' din biss.

2 Kien gie tekniku li qalaghha u hadha mieghu flimkien mal-*hard disc* u meta gie lura biex iqieghed il-*camera* talbu €350 li hu rrifjuta jhallas.

3 Billi ma riedx ihallas, din ma regghetx tqeghdet lura f'postha u nbdew il-proceduri odjerni.

4 Kien ivverifika mal-Enemalta u dawn qalulu li ma kellhomx problem bil-kurrent fl-inhawi. (Fir-rigward hemm esebita ittra datata 20.01.2009 mill-Enemalta – *a fol* 4 u 24)

B1 **Mark Anthony Bonello**, foreman Enemalta distrett Birkirkara qal li fil-jum in kwistjoni ma kienx hemm, minn naha taghhom, ebda hsarat, ebda *over voltage*. Dan jirrizulta mir-*records* li jinzammu kuljum, li juru hsarat mhux fl-akkwati ta' fejn kien is-CCTV in kwistjoni.

2 Fl-ittra li kien baghat l-attur lill-Enemalta (19.12.2008) jinghad hekk:-

> *Jien hawn taht iffirmat nixtieq nigbed l-attenzjoni tad-dipartiment hsarat illi jiena garrabt fis-sistema tas-CCTV li ghandi nstallat gewwa l-banka tal-lottu numru 176 ta' Vjal 21 ta' Settembru, 2008. Damages occurred bejn 7 u 8 ta' Dicembru, 2008. Ma' din l-ittra qed nehmez kopja tar-rapport imhejji mit-technician u li fih hemm spjegat kawza tal-hsarat illi jiena sofrejt.*
>
> *Nirringrazzjakom bil-quddiem ghall-attenzjoni li ser taghtu lil din l-ittra u nhares 'l quddiem biex nircievi minghandkom.*

3 Din l-Enemalta rcevietha fit-22.12.2008 u r-risposta (Dok MF3 *a fol* 4) hi datata 20.01.2009.

4 Da parti tal-Enemalta l-investigazzjonijiet saru mill-inginier Josef Micallef.

C1 **L-Inginier Josef Micallef** qal li r-rapport tal-attur kien li kienet inharqitlu s-CCTV *camera* bejn is-7 u t-8 ta' Dicembru 2008. Skond ir-*records* taghhom fl-inhawi fejn kien hemm is-CCTV in kwistjoni ma kienx hemm diffikultajiet fil-jiem imsemmija. Il-vultagg kien "within limits".

2 Mistoqsi kienx hemm xi *surge*, qal li dan ma jeskludihx pero m'hemmx *record* tieghu. Dan ma jigix rekordjat. Meta jkun hemm *surge* gieli tigi effettwata persuna wahda u gieli izjed. Kollox jiddependi wkoll minn kemm ikun hemm *appliances* mixghulin fl-istess dar. Jista jkun hemm hsara f'*appliance* wiehed biss.

**KJAMATA FIL-KAWZA**

D1 Wara s-sentenza preliminari xehed **Martin Zerafa** li semplicement esibixxa d-Dok MZ1 (ricevuta) u MZ2 (Invoice).

**KONSIDERAZZJONIJIET**

1. It-Tribunal jibda biex jafferma li min jixtri oggett, dan l-oggett ghandu jkun tajjeb ghall-ghan li jkun inxtara. Dana bhala korispettiv ghall-prezz li jkun thallas. Jekk l-oggett jizviluppa hsara mhux b'xi nuqqas da parti tal-akkwirent jew ta' xi terz,

il-bejjiegh irid jaghmel tajjeb ghal dil-hsara jew, skond il-kaz, jirrifondi l-prezz u jiehu lura l-oggett danneggjat jew mhux jiffunzjoni kif suppost.

2. Hawnhekk ghandna kas ta’ Closed Circuit Television Camera (CCTV) li wara ftit xhur ma baqax jiffunzjona tajjeb u l-akkwirent ghadu sal-lum f’din is-sitwazzjoni.

3. Qamet il-kwistjoni jekk saritx xi hsara minhabba xi *power surge*. Imma hawn bqajna minghajr prova, anqas prova accettabbli *in civilbus!* Minn naha tal-Enemalta il-*foreman* Mark Anthony Bonello tad-distrett fejn hi nstallata CCTV *camera* qal li fiz-zmien li zviluppat il-hsara fl-apparat ma kellhom ebda *over voltage* u ebda rapport ta’ hsarat fl-inhawi. L-Inginier Josef Micallef tal-Enemalta qal li bejn is-7 u t-8 ta’ Dicembru 2008 il-voltagg kien “within limits”. Record ta’ xi “surge” mhemmx pero ma jeskludix li jista jkun hemm *surge* li ma jkunx hemm rekord tieghu. Gieli wkoll tirrizulta hsara f’*appliance* wiehed. Imma dan ma jwassalx ghall-prova, anqas fuq bazi ta’ probabiltajiet, li dak li garrab l-apparat f’dan il-kaz li ghandu quddiemu l-kaz, kien rizultat ta’ xi *surge*.

4. Meta jqis kollox, u wara li sama s-sottomissjonijiet it-TRIBUNAL jasal ghall-konkluzzjoni li ghad-difett li zviluppa l-apparat trid taghmel tajjeb is-socjeta’ konvenuta skond il-garanzija u l-ligi u tirrifondi l-prezz stante li ppruvat tirripara l-oggett u ma rnexxiliex.

**DECIZJONI**

**IT-TRIBUNAL** jiddeciedi billi (1) **jilqa** l-eccezzjoni ta’ Michael Fenech ghall-kontro-talba u (2) **jichad** it-talba kontenuta fil-kontro-talba u dana bi spejjez tas-socjeta’ rikonvenzjonanti (3) **jichad** l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta u (4) **jaccetta** t-talba tal-atturi u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-atturi l-*quantum* ta’ elf, tlieta u tmenin ewro (€1,083.00) liema hlas ghandu jsir sa tletin jum mil-lum u f’kaz ta’ nuqqas jibda ghaddej l-imghax mill-lum stess sal-jum tal-pagament effettiv u (5) **jikkundanna** lis-socjeta’ konvenuta thallas l-ispejjes tal-kawza u tal-kontro-talba.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------